ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali 2017**

## L-GĦAXAR SENA | L-ETIKA | IL-ĦIN: Siegħa

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ____________

**Għall-użu tal-għalliema**

| Xogħol - Module 4<br>30 % | Xogħol – Module 5<br>30 % | Il-Kitba<br>40 % | It-Total<br>100 % |
|---|---|---|---|
| | | | |

**1. Aqra s-sentenzi. Immarka (√) taħt 'tagħmel ħsara lilek innifsek' (*self-harm*) jew 'tieħu ħsieb tiegħek innifsek' (*self-care*) skont il-bżonn.** (5 marki)

| | **Tagħmel ħsara lilek innifsek (*self-harm*)** | **Tieħu ħsieb tiegħek innifsek (*self-care*)** |
|---|---|---|
| a) Tagħmel żewġ xogħlijiet biex tieħu ħsieb il-familja. Kuljum issib ħin biex tistrieħ. | | |
| b) Kull meta tmur Paceville tispiċċa fis-sakra. | | |
| ċ) Tqatta' ħafna ħin tistudja għax trid iġġib marki tajbin. Darbtejn fil-ġimgħa ssib il-ħin biex tilgħab logħba futbol ma' sħabek. | | |
| d) Iffissat fuq il-figura tiegħek. Tiekol biss żewġ tuffieħat kuljum biex ma teħxienx. | | |
| e) Int u ħuk tqattgħu ljieli sħaħ tilagħbu l-*video games* tant li filgħodu ma tkunux tifilħu tqumu u ma tmorrux skola. | | |

**2. Imla l-vojt bil-kliem li hawn fil-kaxxi.** (6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| responsabbli | gost | tbati |
| dipendenti | jieħu ħsieb | pożittiv |



a) Dejan ______________________ missieru li hu anzjan. Hu jħossu ______________________ għall-benesseri ta' missieru għax jaf kemm ħa paċenzja bih meta kien għadu tifel żgħir. Missieru sar ______________________fuqu minn mindu marad.



b) Meta tkun kuntent fil-ħajja mhux bilfors tgħix mumenti ta' ______________________ il-ħin kollu. Il-kuntentizza fil-ħajja ma tfissirx li qatt ma ______________________ imma li tagħraf tgħix u tħares lejn il-______________________ tal-ħajja.

**3. Wieġeb il-mistoqsijiet wara li taqra dan li ġej:**



a) Jien trabbejt f'belt konservattiva, fejn kulħadd kien abjad. Il-familja tiegħi kienet l-unika familja Asjatika fil-viċinat u konna nsofru minn razziżmu u bbuljar.

Minn mindu bdejt immur l-iskola kont abbużata u bbuljata minħabba r-razza. It-tfal kienu jaqbdu miegħi minħabba d-dehra tiegħi, il-kulur tal-ġilda, il-familja tiegħi, in-negozju ta' missieri, ħajti, it-twemmin tiegħi … Kienu jgħajruni, jiġru warajja, iwaddbuli l-affarijiet, u jistennewni wara l-iskola. Kienu jduruni, ipoġġuni f'nofs iċ-ċirku u jiddieħku bija, ibikkuni, jiġbduli xagħri, isawtuni sakemm nitbenġel; saħansitra rċivejt theddid għal ħajti.

Qatt m'għedt lil ħadd. Tant kont nobgħod lili nnifsi u l-mod kif nidher li spiċċajt biex użajt kremi li jbajdu l-ġilda u make-up biex nidher 'bajda' sabiex inkun nista' nidher bħall-oħrajn. Il-kremi li jbajdu bdew jaħarquli l-ġilda, imma ma stajtx nieqaf nużahom.

Ħassejtni bħala piż u kont nemmen li n-nies kieku jkunu aħjar mingħajr ma nkun f'ħajjithom. Kont inżomm għalija nnifsi u nipprova noqgħod 'il bogħod min-nies, imma dejjem kienu jiġu warajja. Ma kelli l-ebda ħbieb ġenwini biex jgħinuni u jissapportjawni f'dawn il-mumenti. Kont tassew waħdi u kont inħossni barranija.

i) Semmi żewġ eżempji mis-silta fejn din it-tfajla kienet qed tagħmel ħsara lilha nnifisha.
Għaliex tqishom bħala ħsara lilha nnifisha (*self-harm)*? (4 marks)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

iii) Kif taħseb li tista' tieħu ħsieb tagħha nfisha ħalli jkollha stima pożittiva lejha stess? (2 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________



b) Carlos iħobb l-isport perikoluż. Ħafna drabi jieħu riskji bla bżonn. Mhux l-ewwel darba li ssogra ħajtu. Carlos jgħid li dak hu l-mod tiegħu kif jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u jirrilassa. Ftit ilu mar jixxabbat mal-irdum. Iddeċieda li ma jintrabatx. Ħin minnhom żelqitlu siequ u baqa' nieżel m'ogħla sular.

i) Taħseb li dak li qed jagħmel Carlos huwa ħsara fuqu nnifsu (*self-harm)*?
Agħti raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

(3 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

ii) Taqbel ma' Carlos li dak l-isport għalih hu mezz kif jieħu ħsieb tiegħu nnifsu? (marka)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

iii) X'taħseb li jista' jagħmel biex ikompli jipprattika dak l-isport u fl-istess ħin ikun qed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu kemm fiżikament kif ukoll mentalment? (3 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**4. Dan huwa Aristotile. Huwa kellu teorija dwar kif wieħed għandu jagħmel biex jgħix kuntent. X'tissejjaħ din it-teorija? Spjegaha. Agħti eżempju biex turi kif tista' tapplika din it-teorija fil-ħajja ta' kuljum.** (6 marki)



______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**5.** ***Jiena għandi l-obbligu li nitkellem għal min m'għandux vuċi.***

**Ikteb madwar 200 kelma biex tiddiskuti din id-dikjarazzjoni.** **(10 marki)**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Tmiem il-Karta**